


# SOSTENIBBILTÀ U DIĠITALIZZAZZJONI

## IT-TIELET EDIZZJONI TAL-‘YOUTH4ENTREPRENEURSHIP GOZO’




*Daniel Borg*
*Kap Eżekuttiv tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex*

F'għeluq l-20 sena tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, il-Professur Edward Warrington fid-diskors tiegħu kien identifika erba' miri li l-Kamra għandha tilħaq fis-snin li ġejjin. Waħda minnhom kienet li “l-Kamra ssir il-benniena ta' spirtu intraprenditorjali fost iż-żgħażagħ Għawdxin, permezz ta' korsijiet ta' formazzjoni, mentoring, internships u għodod oħra ta' din ix-xorta”.

Kien ġie deċiż għalhekk li l-attività prinċipali li l-Kamra torganizza kull sena bħala parti mill-attivitajiet għall-ġimgħa marbuta man-negozji żgħar u medji tkun iddedikata liż-żgħażagħ. Il-Kamra torganizza attivitajiet matul is-sena kollha ddedikati lin-negozji, u wara ħafna ħsieb u anki riflessjonijiet kif tista' tilħaq il-faxxa żagħżugħa, ġie deċiż li tiġi organizzata din l-attività. Filwaqt li fl-ewwel sena l-Kamra organizzat din l-attività f'kollaborazzjoni mal-uffiċċju tal-Europe Direct, li jinstab fl-istess Kamra, il-Bank of Valletta, u l-Ministeru għall-Intrapriża u l-Industrija, mas-snin l-entitajiet li bdew jikkollaboraw mal-Kamra bdew jiżdiedu. Fit-tieni edizzjoni żdiedet Aġenzija Żgħażagħ, filwaqt li fit-tielet sena ngħaqdet ukoll l-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali għal Għawdex. Il-Kamra tinsab kuntenta ħafna bil-kollaborazzjoni u l-appoġġ ta' dawn l-entitajiet.

Imma x'jiddistingwi din l-attività minn attivitajiet oħra simili? Għalkemm din il-kompetizzjoni dejjem kellha premju ta' €500 marbut magħha, l-iskop mhux sempliċement li jkun hemm rebbieħ, imma li tinkoraġġixxi ż-żgħażagħ jersqu 'l quddiem u jippreżentaw l-idea tagħhom. Minbarra hekk, iż-żgħażagħ jieħdu esperjenza valida. Fil-fatt, il-Kamra tan-Negozju tistieden panel ta' esperti biex dakinhar tal-attività ż-żgħażagħ jippreżentaw l-idea tagħhom quddiemhom. Huma jkollhom ċans ta' għaxar minuti biex jesponuha, filwaqt li membri tal-panel jevalwaw l-idea u jagħtuhom indikazzjonijiet ta' x'inhu tajjeb fl-idea tagħhom u fejn jistgħu jtejbuha.

L-esperjenza u l-parteċipazzjoni ta' dawn iż-żgħażagħ f'din l-attività dejjem tkun waħda pożittiva. Dakinhar ma jitħabbar l-ebda rebbieħ, għax l-iskop ikun li ż-żgħażagħ mhux biss jitgħallmu imma jieħdu pjaċir u jkollhom esperjenza pożittiva filwaqt li jinteraġixxu ma' żgħażagħ oħrajn. Kien ta' pjaċir għalina li naraw mhux biss individwi imma wkoll gruppi ta' żgħażagħ li matul is-snin jippreżentaw l-idea tagħhom. Ta' min jinnota wkoll li minbarra l-esperjenza, numru ta' żgħażagħ ġew offruti sessjonijiet ta' mentorship minn membri tal-panel stess, jew ukoll ingħataw opportunitajiet biex jagħmlu sessjonijiet ta' taħriġ ma' entitajiet oħrajn li joffru programmi simili.

L-ideat rebbieħa matul is-snin varjaw. L-ewwel sena din kienet idea dwar proġett għal turiżmu sostenibbli fil-bajja u l-wied ta' Mġarr ix-Xini. Fit-tieni sena l-idea rebbieħa kienet tittratta kif il-mixi fuq bankini f'postijiet popolari f'Għawdex jista' jiġġenera enerġija sostenibbli li tintuża mill-ħwienet f'dik il-lokalità. Din is-sena l-idea rebbieħa kienet ta' Matthew Curmi,

li kienet tittratta l-ġenerazzjoni ta' enerġija nadifa b'impjant żgħir nukleari li jista' jiġi stabbilit f'Għawdex. Dan ma jfissirx li l-ideat l-oħra ma kinux tajbin! Bil-kontra.

Fil-fatt, l-iskop ta' din l-attività huwa li ġġiegħel liż-żgħażagħ jaħsbu b'mod alternattiv dwar Għawdex. Għalkemm is-suġġett tal-idea dejjem kien Għawdex, żgħażagħ kemm Għawdxin, Maltin u anki barranin li jgħixu hawn jistgħu jipparteċipaw.

Filwaqt li fl-ewwel edizzjoni ma konniex tajna tema partikulari, fit-tieni u t-tielet edizzjoni ddeċidejna li nagħżlu tema marbuta wkoll mad-direzzjoni strateġika li l-Unjoni Ewropea tkun qed tieħu. Minħabba li l-Kamra għandha wkoll fi ħdanha l-uffiċċju tal-Europe Direct, din l-attività għandha wkoll l-iskop li tintroduċi ż-żgħażagħ għat-temi prinċipali li l-Unjoni Ewropea tkun qed tiddiskuti u timbotta f'dak il-mument. Fit-tieni edizzjoni t-tema kienet is-sostenibbiltà, filwaqt li fit-tielet edizzjoni ddeċidejna li niffokaw fuq żewġ temi: is-sostenibbiltà u d-diġitalizzazzjoni. Dawn it-temi ntgħażlu mhux biss għax dawn huma żewġ pilastri li fuqhom l-Unjoni Ewropea qed tibni l-irkupru ekonomiku fiż-żmien li ġej, imma wkoll għax bħala Kamra nemmnu li dawn huma ż-żewġ setturi li fuqhom Għawdex irid jibni l-ekonomija tiegħu fil-ġejjieni.







Il-pandemija tal-Covid-19 uriet kif Għawdex jiddependi wisq fuq setturi bħat-turiżmu u l-bini. Fil-fatt, Għawdex jiddependi kważi f'50% tal-Prodott Gross Domestiku fuq it-turiżmu, u f'20% b'mod dirett u indirett f'termini ta' mpjiegi. Għalkemm it-turiżmu domestiku għamel tajjeb għat-turiżmu li ġej minn barra f'dawn l-aħħar sentejn, hemm bżonn li bħala gżira nħarsu 'l quddiem u nkunu innovattivi. Ekonomija mibnija fuq il-bini wkoll ma hijiex soluzzjoni għal Għawdex. Jekk wieħed jara l-Prodott Gross Domestiku miżjud jinnota li Għawdex jiddependi b'kważi d-doppju iktar minn Malta fejn jidħlu l-bini u l-proprjetà immobiljari (*real estate*). Il-bini esaġerat li tela' f'Għawdex f'dawn l-aħħar snin qed ikerrah l-ambjent u l-irħula tagħna b'detriment għall-prodott turistiku lokali, minbarra l-impatt fuq is-soċjetà fejn jidħol l-ambjent li aħna se nħallu lil uliedna.

Għawdex joffri opportunitajiet kbar fil-qasam tas-sostenibbiltà jew l-ekonomija l-ħadra. Minħabba ċ-ċokon tal-gżira, teknoloġiji ġodda jistgħu jiġu implimentati u studjati f'Għawdex qabel dawn jiġu implimentati b'mod nazzjonali jew anki internazzjonali. Ma' dan tista' tintrabat fakultà speċjalizzata ta' riċerka f'dan il-qasam. Filwaqt li Għawdex għandu ċentru tal-Università ta' Malta, hawnhekk wieħed għandu jħares lejn fakultà speċjalizzata fis-sostenibbiltà li tkun f'Għawdex biss. F'dik li hija d-diġitalizzazzjoni, din toffri opportunitajiet kbar għall-gżira tagħna. Ċerti problemi strutturali li kien hemm qabel m'għadhomx hemm. It-tieni *fibre optic link* bejn iż-żewġ gżejjer solva l-problema tad-dipendenza fuq linja waħda li kien hemm qabel. F'Għawdex għandna wkoll id-Digital Innovation Hub fix-Xewkija li għandu potenzjal qawwi biex kumpaniji u start-ups f'dan il-qasam jibbażaw ruħhom f'Għawdex. Fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni l-problemi ta' aċċessibbiltà li huma assoċjati ma' Għawdex mhumiex applikabbli.

Għalhekk huwa importanti li aħna nħarsu lejn dak li qed jipproponu ż-żgħażagħ tagħna. Iż-żgħażagħ huma l-ġejjieni tagħna, u l-leħen tagħhom huwa importanti biex ikollna futur differenti għal Għawdex, li jkun iktar sostenibbli.

## Għawdex: Nifhmu l-Opzjoni Nukleari

*Matthew Curmi*



Kont għadni qed nipprepara biex nibda kors ta' inġinerija, u kkalkulajt l-ammont ta' pannelli solari meħtieġa biex iħaddmu projezzjonijiet ta' enerġija futura, imbagħad għamilt l-istess mat-turbini tar-riħ. Għall-komunità tal-inġinerija nukleari din m'għandhiex tkun sorpriża – l-enerġija nukleari hija densa; dawk tar-riħ u solari mhumiex. Pajjiżi oħra ikbar jistgħu jikkumpensaw għad-densità baxxa ta' enerġiji rinnovabbli billi jiddedikaw żoni akbar għalihom; f'Malta dan mhux possibbli.

S'issa s-suġġett tal-enerġija nukleari bħala soluzzjoni għal enerġija soda għall-gżejjer tagħna ma tteħidx bis-serjetà. Hemm kultura notevoli ta' miżinformazzjoni xjentifika lill-pubbliku ġenerali, speċjalment fir-rigward tal-enerġija nukleari. Il-pubbliku Malti huwa notorjament antinukleari, iżda fl-istess ħin faċilment jimpenja ruħu fil-konverżazzjoni.

L-enerġija nukleari kienet, hija u se tibqa' sigura. Hija simili ħafna għal titjiriet fuq airliner; il-prospett jidher riskjuż – litteralment ittir f'kontenitur fl-arja – iżda fil-fatt airliners huma l-forma sigura ta' vjaġġar. Jeħtieġ inneħħu l-konfużjoni bejn ir-riskju u l-periklu. Ir-riskju huwa dejjem preżenti u jista' jiġi kkwantifikat; il-periklu huwa prodott ta' traskuraġni. Kif se jkollna aktar fiduċja fl-enerġija nukleari meta hi teknoloġija li tista' tiġi installata ftit kilometri minn fejn noqgħod? Filwaqt li pajjiżi akbar jistgħu jirreferu għall-frażi *'not in my backyard'* metaforikament, gżira żgħira bħal tagħna tuża din il-frażi litteralment.

Bil-prospett ta' SMRs dalwaqt se jkun possibbli li titwaħħal flotta ta' reatturi nukleari f'żona daqs grawnd żgħir tal-isport. Ir-reattur modulari żgħir jew SMR huwa l-aħjar soluzzjoni ta' reattur għall-gżejjer tagħna. Għandu jiġi enfasizzat li l-SMRs mhumiex teknoloġija futuristika barranija, iżda teknoloġija fiżika u preżenti li tħaddem it-trasportaturi tal-ajruplani u s-sottomarini. Darba jien u l-professur tal-fiżika tiegħi ddiskutejna dwar il-prospett li ngħaqqdu koppja ta' ajruplani tal-Klassi Nimitz mal-grid elettrika tagħna. Kemm tista' tidher assurda l-idea! Fil-fatt taħdem – 3 aircraft carriers għal miżura tajba. L-SMR joffri sors ta' enerġija nadif u sigur li jista' jiġi attivat u diżattivat faċilment biex jagħti kont tal-varjazzjonijiet fid-domanda.

Aspett ieħor m'għandux jintesa, u dan huwa l-aċċess għall-ilma. Kif wieħed jistenna mill-pajsaġġ niexef Malti, l-ilma huwa skars. Malta tiddependi ħafna fuq l-impjanti tar-reverse osmosis u l-akkwaferi tal-ilma ħelu tagħha li qed jispiċċaw malajr. L-enerġija nukleari tista' mhux biss tissodisfa l-ħtiġijiet tal-enerġija tagħna iżda wkoll tipprovdi faċilitajiet ta' desalinizzazzjoni.

Is-sens ta' tama għal teknoloġiji rinnovabbli qatt ma kien ogħla fil-gżejjer tagħna – iżda huwa att ta' disprament aktar milli ambizzjoni lejn id-dekarbonizzazzjoni. L-UE bħalissa qed tonfoq biljuni biex tipprova ssolvi l-problemi bl-intermittenza rinnovabbli, il-lonġevità u d-densità tal-enerġija. Madankollu, l-għan tal-inġinier huwa li l-ewwel nett jevita li jkollu l-problema qabel ma jipprova jsolviha. F'dan ir-rigward, is-sorsi rinnovabbli jfallu u l-prospett li nippruvaw insolvu l-kwistjoni tat-tibdil fil-klima b'teknoloġija li tfalli qed jitfagħna lura. Irridu ninvestu f'ideat li jaħdmu u nneħħu l-fondi ta' proġetti li ma jaħdmux.

Bħalissa Malta għandha appoġġ għar-riħ 'offshore' u aktar investiment fil-pannelli solari. Is-suġġeriment li tiġi implimentata l-enerġija nukleari f'Malta mhux jittieħed bis-serjetà. L-enerġija nukleari mhijiex sors ta' enerġija gglorifikat għall-pajjiżi l-kbar iżda hija faċilitatur ta' tkabbir ekonomiku u standards ta' għajxien imtejba għal pajjiżi żgħar ukoll. Tkun ħasra ġenwina li titlef opportunità bħal din minħabba sensazzjoni żbaljata. Ikun diżastru li nitilfu dak li huwa potenzjalment l-aħħar ċans tagħna li nsalvaw il-pjaneta tagħna.



## Il-kunċett ta' 'LiveMarket' f'Għawdex

*Andrew Azzopardi*



Illum il-ġurnata l-kummerċ f'Għawdex huwa affettwat ħafna mit-teknoloġija. Il-preżenza u l-aċċessibbiltà diġitali taffettwa kull tip ta' negozju. Għalhekk meta negozju ma jkollux infrastruttura diġitali, isofri minn livelli mnaqqsa ta' bejgħ. Dan ġie affettwat iktar fil-pandemija tal-Covid-19, hekk kif ħafna nies bdew jużaw iktar pjattaformi diġitali biex jixtru l-bżonnijiet tagħhom. Il-problema li identifikajna min-naħa tagħna hi li ħafna negozji żgħar ma jkollhomx mezzi finanzjarji biex jagħmlu l-pjattaforma diġitali tagħhom u li jmantnuha b'mod sempliċi u effettiv.

Jien kelli l-opportunità li f'isem il-grupp *Coding Reality* nippreżenta din l-idea. Il-kunċett wara l-idea tagħna huwa li noħolqu pjattaforma diġitali 'LiveMarket' li tiffaċilita u traħħas il-proċess ta' diġitalizzazzjoni għan-negozji żgħar u medji li ma jkollhomx mezzi finanzjarji li jikkompetu ma' negozji kbar barranin. F'dawn tal-aħħar il-profitt li jagħmlu qed jispiċċa joħroġ barra mill-pajjiż tagħna. L-għan tagħna hu li ngħinu negozji żgħar f'Għawdex jikkompetu fid-dinja diġitali. Jekk din l-idea tkun suċċess, l-iskop hu li din il-pjattaforma tiġi implemetata b'mod nazzjonali u internazzjonali.




## Tlaqna

*Eman Borg*

*Tlaqna* hija applikazzjoni fuq pjattaforma digitali, b'xejn fuq Android u Apple. Dan is-servizz se jkun qed joffri spazju fejn individwu jista' jara l-informazzjoni ta' servizzi ta' trasport f'Malta. Dan ifisser li wieħed se jkollu aċċess għall-iskeda, ir-rotta, u l-vjaġġ tal-vapur bejn Għawdex u Malta, *fast ferry* bejn Għawdex u l-Belt Valletta, u r-rotot ta' Transport Malta.

Ma' dan ukoll, wieħed għandu l-faċilità li jara liema hija l-iktar rotta faċli u li se tasal malajr. Aspett ieħor huwa l-abbiltà li wieħed juża *car sharing* u *car pooling* f'din l-App fejn wieħed jista' jaqsam il-vjaġġ bil-karozza u permezz ta' dan jgħin biex jitnaqqsu l-karozzi fit-toroq. Ma' dan se jkun hemm ukoll il-faċilità li wieħed jara l-ammont ta' karbonju li qed jitfa' fl-ambjent u mezz ta' kif wieħed jista' jgħin biex jitnaqqas dan il-karbonju fl-arja tagħna.

Individwu li juża din l-applikazzjoni jirbaħ 'Tlaqna Points', numru ta' skontijiet u rigali b'xejn għal kull kilometru li jivvjaġġa b'mod sostennibli u għall-benefiċċju tal-ambjent tagħna.







*Ritratti: CVC Media*